



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.8.2019
COM(2019) 365 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**L-implimentazzjoni fl-2016 tat-tielet Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-
saħħa**

{SWD(2019) 316 final}

Introduzzjoni

Dan ir-rapport jippreżenta l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2016 (l-AWP tal-2016) fi ħdan it-Tielet Programm tas-Saħħa 2014-2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014¹.

Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati mill-programm lill-kumitat tal-programm tas-saħħa, u għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informati. Dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-baġit tal-2016 u kif intuża.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni meħmuż ma' dan ir-rapport jippreżenta eżempji ta' azzjonijiet ewlenin li kienu kofinanzjati fil-qafas tat-tieni² u tat-tielet programmi tas-saħħa, li r-risultati finali tagħhom saru disponibbli fl-2016. Dan jinkludi azzjonijiet dwar it-temi prinċipali (bħall-mard rari u n-Netwerks Ewropej ta' Referenza, il-koordinazzjoni tal-kura, ir-reġistri, is-sigurtà tas-saħħa — b'mod speċjali fid-dawl tal-epidemija tal-Ebola u l-użu tat-tabakk) li ġew inklużi f'deċiżjonijiet ta' finanzjament suċċessivi. Dan jinkludi wkoll tabella li tagħti idea dettaljata tal-attivitajiet u l-kuntratti kollha kofinanzjati.

L-AWP tal-2016 iffoka fuq l-istabbiliment u l-appoġġ lin-Netwerks Ewropej ta' Referenza³ imwaqqfa skont id-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali⁴. In-Netwerks Ewropej ta' Referenza huma netwerks virtwali ta' fornituri tal-kura tas-saħħa Ewropej li jitrattaw il-mard u l-kundizzjonijiet kumplessi jew rari.

Barra minn hekk, l-AWP tal-2016 iffoka ħafna fuq l-oġettiv 1 – “Il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u t-trawwim ta' ambjenti li jappoġġaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa filwaqt li jitqies il-prinċipju tas-saħħa fil-politiki kollha”, b'suġġetti ta' prijorità li jindirizzaw fatturi ta' stili ta' ħajja ewlenin (l-alkoħol, it-tabakk, id-drogi), il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-mard kroniku u kwistjonijiet relatati mas-saħħa li jirrigwardaw lill-migranti u lir-refuġjati.

Il-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tat-Tielet Programm tas-Saħħa u tiżgura li r-risultati tiegħu jkunu ppubblikati b'mod aktar wiesa'. Din tinkoraġġixxi wkoll lill-Istati Membri kollha u lill-pajjiżi li mhumiex fl-UE li jikkontribwixxu għall-programm sabiex jieħdu sehem fl-azzjonijiet tagħha u joħolqu r-rabtiet ma' programmi ta' finanzjament rilevanti oħrajn tal-UE bħall-Orizzont 2020.

¹ ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1.

² ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.

³ http://ec.europa.eu/health/ern/networks_mt

⁴ ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45-65.

WERREJ

Introduction	1
Key themes of 2016.....	3
Implementation of the health programme	6
1. Budget.....	6
2. Priorities and financing mechanisms	7
3. Implementation by financing mechanism.....	9
4. Beneficiaries	10
Improvements.....	11

Temi ewlenin tal-2016

L-għan tal-AWP tal-2016 huwa li jikkontribwixxi għall-prijoritajiet tas-saħħa tal-Kummissjoni kif deskritti fil-linji gwida politiċi tal-President⁵ u fl-ittra tal-missjoni tal-Kummissarju responsabbli għas-saħħa u s-sikurezza tal-ikel⁶.

Netwerks Ewropej ta' Referenza

L-inizjattiva tas-saħħa ta' prijorità skont l-AWP 2016 kienet li jiġu stabbiliti n-**Netwerks Ewropej ta' Referenza** (ERNs) f'konformità ma': (a) id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali⁷; u (b) il-politika tal-UE dwar il-mard rari.

L-ERNs huma netwerks virtwali li jinvolvu 'l fuq minn 900 fornitur tal-kura tas-saħħa madwar l-UE. L-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-mard u l-kundizzjonijiet mediċi rari jew kumplessi li jeħtieġu kura speċjalizzata ħafna u konċentrazzjoni ta' għarfien u riżorsi.

Intużaw bosta miżuri ta' finanzjament biex jappoġġaw l-ERNs fl-2016, li kienu jammontaw għal aktar minn EUR 8 miljun (EUR 8 012 343.47). Dawn kienu jinkludu:

- sejħa ta' interess għall-ERNs kif previst fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/287/UE⁸, segwita mill-approvazzjoni tal-fornituri individwali tal-kura tas-saħħa u tan-netwerks iġenerali, permezz ta' deċiżjoni korrispondenti tal-Bord tal-Istati Membri kif stipulat fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni;
- talbiet għal servizz għall-korpi ta' valutazzjoni indipendenti sabiex jivvalutaw l-ERNs kandidati skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Delega 2014/286/UE⁹ (EUR 1 646 638.27);
- sejħa għall-finanzjament tal-kostijiet ta' koordinazzjoni tan-netwerks approvati (EUR 4 386 344.15); u
- sejħa b'appoġġ għar-reġistri ta' pazjenti b'mard rari għall-ERNs (EUR 1 979 361.05).

Sfond

⁵ https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/juncker-political-guidelines-speech_mt.pdf

⁶ https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/cwt/files/commissioner_mission_letters/andriukaitis_en.pdf

⁷ ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45-65.

⁸ ĠU L 147, 17.5.2014, p. 79-87.

⁹ ĠU L 147, 17.5.2014, p. 71-78.

L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2011/24/UE jeżiġi li l-Kummissjoni Ewropea tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' ERNs¹⁰. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/287/UE tistabbilixxi l-proċess u l-kriterji għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tan-netwerks, mis-sejħa għall-proposti sal-valutazzjoni, l-approvazzjoni, l-istabbiliment u l-evalwazzjoni tal-ERNs. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (Chafea) appoġġat lill-Kummissjoni f'dawn il-passi kollha, pereżempju billi:

- immaniġġjat is-sejha għan-netwerks;
- żgurat il-valutazzjoni tan-netwerks kandidati kollha; u
- allokati il-kofinanzjament tal-UE sabiex tappoġġa l-kostijiet ta' koordinazzjoni tan-netwerks approvati għal ħames snin (2017-2021).

Mira

L-ERNs għandhom l-għan li joffru l-aċċess għall-aqwa għarfien u spiss, għal għarfien li jsalva l-ħajja, lin-nies fl-UE, mingħajr ma jkollhom jivvjaġġaw lejn pajjiż ieħor.

Mezzi

Biex tiġi appoġġata s-sostenibbiltà tal-ERNs, ġie deċiż li jingħataw għotjiet għall-kooperazzjoni fit-tul permezz ta' ftehimiet qafas ta' sħubija (FPAs) bejn Chafea u l-benefiċjarji. Il-kofinanzjament annwali mbagħad jiġi żgurat billi jiġu ffirmati ftehimiet ta' għotjiet speċifiċi (SGAs) li jkopru l-kostijiet ta' koordinazzjoni xjentifika u teknika tan-netwerks. Minn Ġunju tal-2017, it-23 ERNs iffirmaw FPAs u żewġ ċikli ta' SGAs annwali¹¹.

Il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard

Minbarra l-fokus ewlieni tas-sena, bosta azzjonijiet appoġġaw **il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard**, b'mod partikolari billi ffukaw fuq l-aħjar Prattiki fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli tal-migranti u tar-refuġjati.

Sfond

Filwaqt li jibni fuq l-appoġġ finanzjarju pprovdut f'dan il-qasam waqt il-kriżi migratorja fl-2015, il-programm ta' ħidma annwali tal-2016 ippromwova s-sostenibbiltà permezz tal-bini tal-kapaċità u l-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki fil-provvediment tal-kura għall-migranti u r-refuġjati vulnerabbli.

¹⁰ Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/24/UE dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali u miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat il-metodoloġija u l-għodod tekniċi għall-valutazzjoni tal-proposti ta' "Netwerks u fornituri tal-kura tas-saħħa" permezz ta' kuntratt ta' servizz ġestit minn Chafea. Il-kuntrattur indirizza l-passi kollha tal-valutazzjoni mill-pubblikazzjoni tas-sejħa għan-netwerks sal-approvazzjoni tagħhom, inklużi l-materjali u l-metodi li għandhom jintużaw u l-prodotti finali mistennija.

¹¹ L-AWP tal-2018 jipprevedi għotja pluriennali, li tkopri l-aħħar tliet snin tal-funzjonament tan-netwerks. Dan il-finanzjament mill-UE jammonta għal EUR 13 800 000 u jidm sal-aħħar ta' Frar 2022.

Mira

Il-kofinanzjament tal-UE f'dan il-qasam għandu l-għan li jippromwovi l-aħjar prattiki fil-provvediment tal-kura għall-migranti u r-refuġjati vulnerabbli.

Mezzi

F'dan il-qafas globali, l-AWP tal-2016 ikkofinanzja:

- tliet proġetti dwar “Is-saħħa tal-migranti: L-aħjar prattiki fil-provvediment tal-kura għall-migranti u r-refuġjati vulnerabbli” (EUR 2 484 164.99);
- żewġ sejħiet għall-offerti dwar “It-taħriġ għall-professjonisti tas-saħħa mal-migranti u r-refuġjati” (EUR 4 107 214);
- ftehim ta' għotja diretta mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li jiffoka fuq l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' gwida teknika bil-għan li jiġi appoġġat l-aċċess tal-popolazzjoni tal-migranti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali (EUR 500 000); u
- għotja operattiva lin-“Netwerk tal-vulnerabbiltà” (EUR 326 808.00).

It-tliet proġetti dwar **is-saħħa tal-migranti** huma:

- MigHealthCare, li fih 14-il sieħeb minn 10 Stati Membri (l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, Malta, Spanja u l-Iżvezja) qegħdin jiżviluppaw u jittestjaw għall-ewwel darba sett ta' għodod komprensiv biex jattwaw mudelli ta' kura bbażati fil-komunità għall-migranti u r-refuġjati vulnerabbli, fosthom mudelli ta' tbassir, eżempji tal-aħjar prattika, algoritmi u materjali tas-saħħa mfassla apposta.
- MyHealth, li fih 11-il sieħeb minn seba' Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, Spanja u r-Renju Unit) qegħdin jiżviluppaw strateġiji ta' interventi tas-saħħa għas-saħħa mentali u għall-mard li jittieħed u li ma jittiħidx. Il-proġett se jistabbilixxi wkoll pjattaforma bbażata fuq l-ICT (inkluża mappa interattiva tas-sistemi tas-saħħa tal-UE) li tappoġġa għodod u applikazzjonijiet ta' informazzjoni dwar is-saħħa kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa.
- ORAMMA, li fih tmien sħab minn erba' Stati Membri (il-Greċja, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit) jippromwovu l-maternità sikura u jtejbu l-aċċess għall-kura tas-saħħa tal-omm. Il-proġett jiggwida u jevalwa inizjattivi integrati u kosteffettivi għal maternità sikura billi jiffoka fuq in-nisa b'riskji partikolari. Għandu l-għan ukoll li jestendi l-prattiki tajbin fost is-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-UE sabiex tiġi żgurata l-ekwità fost l-Istati Membri.

Iż-żewġ sejħiet għall-offerti dwar it-“Taħriġ għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa mal-migranti u r-refuġjati” (EUR 4 107 214) iffinanzjaw l-iżvilupp ta’ pakkett ta’ taħriġ avvanzat dwar is-saħħa mentali, id-detezzjoni tal-istress postrawmatiku u l-iskrinjar tal-migranti u tar-refuġjati għall-mard li jittieħed, u ffinanzjaw ukoll il-korsijiet ta’ taħriġ stess f’10 pajjiżi Ewropej (il-Bulgarija, il-Kroazja, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, in-Norveġja, is-Serbja, is-Slovenja u Spanja).

Il-proġett jindirizza lill-professjonisti tas-saħħa, lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u lill-ħarrieġa tal-ħarrieġa. Għandu jwassal għal fehim aħjar tal-ħtiġijiet tal-popolazzjoni tal-migranti, għal ħiliet imsaħħa għal min hu involut fil-kura tagħhom, u għal impatt pożittiv fuq is-saħħa pubblika kemm fil-pajjiżi magħżula kif ukoll fl-UE inġenerali.

Il-ftehim ta’ għotja diretta mad-WHO jiffoka fuq l-iżvilupp u l-adozzjoni ta’ gwida teknika, inklużi listi ta’ kontroll, Proċeduri Operattivi Standard (SOPs), indikaturi ta’ prattiki tajbin u skedi informattivi f’sitt kwistjonijiet ta’ prijorità b’rabta mas-saħħa tal-migranti [is-Saħħa Mentali, il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Mard li ma Jitthidix, l-Omm u t-Tarbija tat-Twelid, is-Saħħa tat-Tfal (inkluż it-tilqim) u s-Saħħa tal-Anzjani], bil-għan li jingħata appoġġ lill-aċċess tal-popolazzjoni tal-migranti għas-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali.

Fl-aħħar nett, l-AWP tal-2016 ipprova appoġġ finanzjarju lin-netwerk Ewropew għat-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet fis-saħħa¹². Dan in-netwerk ipproduċa r-rapport tal-Osservatorju tal-2016 dwar l-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-persuni li jiffaċċjaw bosta vulnerabbiltajiet fis-saħħa (li kopra 31 belt fi 12-il pajjiż) u r-rapport legali tal-2016 dwar l-aċċess għall-kura tas-saħħa (li kien ikopri 17-il pajjiż).

Ir-rendikont dettaljat tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati fi ħdan l-AWP 2016 ingħata fid-dokument ta’ hídma tal-persunal tal-Kummissjoni meħmuż ma’ dan ir-rapport.

Implimentazzjoni tal-Programm tas-Saħħa

1. Baġit

Il-baġit globali għat-tielet programm tas-saħħa 2014-2020 huwa ta’ EUR 449.4 miljun. Dan jinkludi EUR 30 miljun għal kostijiet tat-tħaddim tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (Chafea) li nġhatat mandat mill-Kummissjoni biex tkun responsabbli mill-ġestjoni tal-programm. Chafea ilha mill-2005 tagħti l-ġhajnuna teknika, xjentifika u amministrattiva lill-

¹² Għotja operattiva lin-Netwerk tal-Vulnerabbiltà, FPA 2015-2017.

Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programm tas-saħħa¹³. Din torganizza sejħiet annwali għal proposti, tikkoordina l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet u tinnegozja, tiffirma u tmexxi l-ftehimiet ta' għotja relatati, u xxerred ir-riżultati tal-azzjonijiet. Hija responsabbli wkoll minn bosta proċeduri tal-akkwist.

Il-baġit stabbilit fil-pjan ta' ħidma għall-AWP tal-2016¹⁴ kien ta' EUR 62 160 000, u tqassam kif ġej:

- Nefqa operattiva: EUR 56 451 000, li jikkorrispondu mal-linja baġitarja 17 03 01 tat-tielet programm tas-saħħa tal-UE (2014-2020) (“*It-tħeġġiġ tal-innovazzjoni fis-saħħa, iż-żieda tas-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni minn theddidiet transfruntieri serji fuq is-saħħa*”).
- Nefqa amministrattiva: EUR 1 500 000, li jikkorrispondu għan-nefqa li tappoġġa l-linja baġitarja 17 01 04 02 tat-tielet programm tas-saħħa tal-UE (2014-2020).
- Kontribuzzjoni tal-programm tas-saħħa għall-baġit ta' Chafea: EUR 4 209 000.

Il-baġit operattiv totali ammonta għal EUR 57 992 112 peress li kien jinkludi EUR 1 541 112 oħra fi krediti tal-EFTA/ŻEE u krediti rkuprati minn snin baġitarji preċedenti.

Total ta' EUR 56 695 888.83 ġie impenjat taħt l-AWP tal-2016: Chafea kopriet EUR 48 248 609.99 minn dan l-ammont, filwaqt li d-DĠ SANTE impenja EUR 8 447 278.84 oħrajn li jkopru parti mill-akkwist pubbliku u azzjonijiet oħrajn.

2. Prijoritajiet u mekkaniżmi ta' finanzjament

Fl-2016, il-baġit operattiv totali impenjat (EUR 56 695 888.83) tqassam fuq l-erba' objettivi speċifiċi tal-programm kif ġej:

1. **Il-promozzjoni tas-saħħa: EUR 25 622 317.07 (45 % tal-baġit operattiv fl-2016)** għall-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u t-trawwim ta' ambjenti li jappoġġaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa fejn tqies il-prinċipju tas-“saħħa fil-politiki kollha”
2. **It-theddid għas-saħħa: EUR 3 947 709.3 (7 %)** għall-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE minn theddid transfruntier serju għas-saħħa
3. **Is-sistemi tas-saħħa: EUR 8 655 656.8 (15 %)** biex jikkontribwixxu għal sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli


¹³ Id-Deċiżjoni 2004/858/KE tal-15 ta' Diċembru 2004 (ĠU L 369, 16.12.2004, p. 73) emendata bid-Deċiżjoni 2008/544/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 173, 3.7.2008, p. 27); minn Diċembru 2014 CHAFEA ħadet post l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC) [Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/927/UE](#).

¹⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-1/3/2016 C(2016) 1158 final.

4. **Kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura: EUR 14 892 153.25 (26 %)** għall-iffaċilitar tal-aċċess għal kura tas-saħħa mtejbja u aktar sikura għaċ-ċittadini Ewropej


Attivitajiet orizzontali (IT, komunikazzjoni) kienu jammontaw għal *EUR 3 578 052.41 (7 %)*.

Illustrazzjoni 1: Baġit operattiv skont l-għanijiet tat-tielet programm tas-saħħa fl-2016



L-illustrazzjoni ta' hawn taħt ttiprovdi l-informazzjoni dwar il-krediti tal-programm tas-saħħa investiti bħala kontribuzzjoni tal-UE permezz tal-prijoritajiet tematiċi differenti fis-sena 2016.

Illustrazzjoni 2: Baġit operattiv skont it-tema ta' prijarità fl-2016



Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, il-programm jinkludi firxa wiesgħa ta' strumenti ta' finanzjament. Dawn huma:

- għotjiet għall-proġetti, fosthom l-SGAs għall-ERNs;
- għotjiet għat-tħaddim b' appoġġ għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- azzjonijiet kofinanzjati mal-awtoritajiet tal-Istati Membri (azzjonijiet konġunti);
- ftehimiet diretti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali;
- akkwist pubbliku; u
- azzjonijiet oħra, bħall-appoġġ lill-kumitati xjentifiċi, ftehimiet amministrattivi ma' Ċentru Konġunt tar-Riċerka u għotjiet għall-konferenzi tal-Presidenzi.

Intużaw proċeduri kompetittivi għall-għażla u l-għoti biex jintgħażlu l-inizjattivi għall-finanzjament. Ma jintużawx proċeduri kompetittivi għall-għażla u l-għoti għall-azzjonijiet konġunti, għall-ftehimiet tal-għotjiet diretti u għall-konferenzi organizzati mill-presidenzi tal-Kunsill billi f'dawk il-każijiet il-proċeduri kompetittivi mhumiex permessi skont ir-regoli speċifiċi jew mhumiex adegwati (pereżempju, minħabba sitwazzjoni ta' monopolju).

Il-krediti amministrattivi koprew in-nefqa fuq affarijiet bħall-istudji, il-laqgħat tal-esperti, l-ispejjeż ta' informazzjoni u tal-pubblikazzjoni, u l-assistenza teknika u amministrattiva għas-sistemi tal-IT.

3. L-implimentazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament

Tip ta' mekkaniżmu ta' finanzjament	Implimentazzjoni (EUR)	Sehem tal-mekkaniżmu fit-total tal-baġit implimentat
Sejħa għall-proposti:	18 323 884.19	32.3 %
Għotjiet għall-proġetti	8 795 212.04	15.5 %
L-SGAs tan-Netzwerks Ewropej ta' Referenza (ERNs) taħt l-FPA skont l-oġettiv	4 386 344.15	7.7 %
Għotjiet operattivi	5 142 328.00	9.1 %
Għotjiet għal azzjonijiet konġunti	14 376 881.83	25.4 %
Għotjiet għall-konferenzi lill-Istati Membri li kellhom il-presidenza tal-UE	141 780.43	0.3 %
Ftehimiet dwar għotjiet diretti	4 450 000.00	7.8 %
Akkwist (kuntratti ta' servizz)	16 089 842.38	28.3 %
<i>Immaniġġjati minn CHAFEA</i>	10 456 063.54	18.4 %
<i>Immaniġġjati mid-DĠ SANTE</i>	5 633 778.84	9.9 %
Azzjonijiet oħrajn	3 313 500	5.9 %
<i>Immaniġġjati minn CHAFEA</i>	500 000.00	0.9 %
<i>Immaniġġjati mid-DĠ SANTE</i>	2 813 500.00	5 %
Baġit implimentat tal-AWP tal-2016	56 695 888.83	97.76 %
Baġit totali disponibbli tal-AWP tal-2016	57 992 112.00	
Krediti mhux użati¹⁵		
<i>minn CHAFEA</i>	1 282 128.59	2.22 %
<i>mid-DĠ SANTE</i>	14 094.58	0.02 %

4. Benefiċjarji


Fl-2016, ġew iffirmati aktar minn 200¹⁶ għotja u kuntratt differenti ma' diversi benefiċjarji u fornituri ta' servizzi li jvarjaw minn organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi għal istituzzjonijiet akkademiċi u kumpaniji privati.

¹⁵ Id-differenzi bejn il-krediti disponibbli għall-użu fl-2016 biss u l-ammonti effettivament ikkuntrattati.

¹⁶ Dawn jeskludu l-kuntratti ma' esperti waħdiena eż. dawk li jipparteċipaw fil-kumitatati xjentifiċi.

Il-kategorija “oħrajn” tinkludi benefiċjarji bħall-fornituri tal-kura tas-saħħa u organizzazzjonijiet internazzjonali. L-illustrazzjoni 3 tagħti ħarsa ġenerali lejn id-diversi gruppi ta’ benefiċjarji.

Illustrazzjoni 3: Tipi ta’ benefiċjarji tat-tielet programm tas-saħħa fl-2016



Titjib

L-appoġġ għall-ERNs tal-programm stimula l-innovazzjoni fit-twassil tal-kura tas-saħħa u żied l-aċċess għall-kura ta’ kwalità madwar l-UE.

Chafea użat kull għodda ta’ simplifikazzjoni li kellha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tissimplifika l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE lill-ERNs. L-għoti ta’ FPAs u għotjiet speċifiċi sussegwenti se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u r-rapportar u se jipprovdu qafas operattiv stabbli għall-ERNs.

Azzjonijiet ewlenin skont l-obbjettivi tal-programm ta’ promozzjoni tas-saħħa u prevenzjoni tal-mard kienu kkofinanzjati ma’ awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri (azzjonijiet konġunti). L-għadd ta’ parteċipanti f’dawn l-azzjonijiet kongunti¹⁷ jirrifletti l-interess tal-Istati Membri li jimpenjaw ruħhom b’mod attiv f’inizjattivi konġunti fl-oqsma tal-kontroll tat-tabakk, tal-prevenzjoni tal-HIV/AIDs, tat-Tuberkulożi u l-epatite virali u tal-mard kroniku.

¹⁷ Fl-2016 kien hemm madwar 27 u 44 sieħeb (benefiċjarji, entitajiet affiljati mhux inklużi) għal kull azzjoni konġunta li kienet sfida għall-ġestjoni u l-koordinazzjoni globali tagħhom peress li s-sħab kollha kellhom jiffirmaw il-ftehim ta’ għotja.

Wara x-xogħol li sar fl-2015, Chafea komplet tinvesti b' mod sinifikanti f' attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-informazzjoni b' kollaborazzjoni mill-qrib mad-DĠ SANTE u n-netwerk ta' Punti Fokali Nazzjonali tal-programm tas-saħħa. Chafea organizzat diversi sessjonijiet ta' ħidma, ikkollaborat f' konferenzi ewlenin nazzjonali u internazzjonali, u organizzat avvenimenti awtonomi mal-awtoritajiet nazzjonali f' pajjiżi tal-UE. Ipproduċiet ukoll sensiela ta' fuljetti u skedi ta' informazzjoni dwar l-oqsma ta' prijorità ewlenin tal-programm tas-saħħa. Fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ngħataw aktar dettalji dwar l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-2016.

Biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-Programm tas-Saħħa, il-progress li sar skont is-sistema CORDA¹⁸ se jkun segwit minn analiżi tal-feedback dwar l-eżiti tal-programm u l-impatti potenzjali tiegħu.

Peress li ħafna mill-azzjonijiet għadhom fil-fażijiet bikrin tagħhom, għad mhemmx riżultati konkreti. Wieħed ikun jista' jifhem f' aktar dettall x' inhu l-impatt globali tal-programm ladarba tkun lesta l-ewwel ġenerazzjoni ta' azzjonijiet kofinanzjati. Madankollu, il-pjan pluriennali żviluppat fil-bidu tat-tielet programm tas-saħħa jiżgura kontinwità u konsistenza bejn it-tipi differenti ta' strumenti finanzjarji disponibbli. L-ERNs huma eżempju ċar peress li l-appoġġ tagħhom ġie ottimizzat bl-allinjament tal-akkwist (il-valutazzjoni tal-fornituri tal-kura tas-saħħa u tal-ERNs), tal-għotjiet tal-proġetti (għax-xogħol fuq ir-reġistri tal-pazjenti), tal-azzjonijiet konġunti (fuq il-mard rari u ORPHANET) u tal-għotjiet speċifiċi fi ħdan FPA għall-koordinazzjoni tan-netwerks.

¹⁸ CORDA tiċentralizza d-*data* miġbura għall-azzjonijiet kollha ġestiti minn Chafea u mmonitorjati permezz tal-użu tal-għodod elettroniċi tal-H2020. Din hija implimentata miċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, hija sors ewlenija ta' informazzjoni u tagħti feedback dwar il-kisba tal-għanijiet u l-prijoritajiet tal-programm, dwar it-tipi ta' azzjonijiet u t-tipi ta' organizzazzjonijiet kofinanzjati.